

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9743/22

ECOFIN 540
UEM 143
SOC 335
EMPL 217
COMPET 437
ENV 535
EDUC 208
RECH 331
ENER 246
JAI 798
GENDER 80
ANTIDISCRIM 60
JEUN 91
SAN 334

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9403/33 - COM(2022) 607 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tad-Danimarka

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 607 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tad-Danimarka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment, li jinvolvi impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investiment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari għall-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

² Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn Soċjali ta' Porto iffirmit fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fiha hija ma identifika lid-Danimarka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kienet meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022 li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali, biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass permezz, fost l-oħrajn, ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija, tal-ikel u tal-materja prima, u prospettivi ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu friskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpanniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE⁴ ġiet attivata għall-ewwel darba mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382⁵, li tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

- (4) B'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjegi fl-2022, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra speċifika għall-pajjiż oħra maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati.
- (5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħteġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Inċertezza akbar u riskji negattivi qawwiya għall-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u disturbi kontinwi fil-katina tal-provvista jiġġustifikaw l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sal-2023.

- (6) Skont l-approċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021⁶ li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2021 tad-Danimarka, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji bl-esklużjoni tal-miżuri ta' emerġenza temporanji relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju⁷. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment⁸ (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka għall-2021 (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 14).

⁷ L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-pjan ta' Rkupru u Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

⁸ Mhux iffinanzjati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali fl-2023 ("il-gwida fiskali") li għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni ta' politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020–2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolve, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħteġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettu l-gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ u mhux aktar tard mill-pakkett tagħha tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-aħħar ta' Mejju 2022.

- (8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-aġar, l-inċertezza akbar u aktar riskji negattivi, u l-inflazzjoni oġhla meta mqabbla mat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezz tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-pressjonijiet inflazzjonarji mill-effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.
- (9) Fit-30 ta' April 2021, id-Danimarka ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għad-Danimarka⁹. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li d-Danimarka tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treġġgħet lura.

⁹ ST 10154/21.

- (10) Id-Danimarka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022 fid-29 ta' April 2022 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2022 fit-12 ta' Mejju 2022, lil hinn mill-iskadenza stabbiltà fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tad-Danimarka dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-miri tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għad-Danimarka fit-23 ta' Mejju 2022. Dan ivvaluta l-progress tad-Danimarka fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021, u ħadet kont tal-implimentazzjoni tad-Danimarka tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, li jibni fuq it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti, inkluż dawk li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa vvaluta wkoll il-progress tad-Danimarka fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020¹⁰, il-Kunsill irrakkomanda lid-Danimarka biex fl-2020 u fl-2021 tiegħu l-miżuri kollha neċessarji, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Huwa rrakkomanda wkoll lid-Danimarka biex, meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investment. Fl-2021, skont data vvalidata mill-Eurostat, il-bilanċ tal-gvern estiż tad-Danimarka tjejb minn defiċit ta' 0,2 % tal-PDG fl-2020 għal surplus ta' 2,3 % fl-2021, meġġun minn dħul mhux rikorrenti mit-taxxa. Ir-rispons tal-politika fiskali mid-Danimarka appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri temporanji ta' emerġenza żdiedu minn 2,6 % tal-PDG fl-2020 għal 4,0 %. Il-miżuri li ħadet id-Danimarka fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-gvern fl-2020 u l-2021 kienu fil-parti l-kbira temporanji jew imqabbla b'miżuri ta' tpaċija. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż niżel minn 42,1 % tal-PDG fl-2020 għal 36,7 % tal-PDG fl-2021.

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tad-Danimarka u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tad-Danimarka (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 22).

(13) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022 huwa favorevoli fl-2022 u realistiku fl-2023. Il-gvern jipproġetta li l-PDG reali jiżdied bi 3,4 % fl-2022 u b'1,9 % fl-2023. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 2,6 % fl-2022 u 1,8 % fl-2023, prinċipalment minħabba tkabbir aktar baxx fil-konsum privat. Fil-programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2022, il-gvern jistenna li s-surplus nominali ser jonqos għal 0,6 % tal-PDG fl-2022 u għal 0,2 % tal-PDG fl-2023. It-tnaqqis fl-2022 jirrifletti prinċipalment tnaqqis fl-attività ekonomika u nuqqas ta' rikorrenza ta' ċertu dħul mit-taxxa. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2022, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jonqos għal 33,3 % fl-2022, u li jonqos għal 32,5 % tal-PDG fl-2023. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta surplus tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 0,9 % tal-PDG u 0,6 % rispettivament. Dan huwa kemxejn oġhla mis-surplus ipproġettat fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon oġhla ta' dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 34,9 % fl-2022 u 33,9 % fl-2023. Id-differenza hija dovuta għal entrati ta' aġġustament bejn il-fondi u l-flussi oġhla, b'mod partikolari l-appoġġ għall-akkomodazzjoni soċjali. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju (medja ta' 10 snin) fil-prodott hija stmata fil-livell ta' 1,9 %. Madankollu, dik l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali tad-Danimarka.

- (14) Fl-2022, il-Gvern neħħa gradwalment il-maġġoranza tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, b'tali mod li l-miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li jonqsu minn 4,0 % tal-PDG fl-2021 għal 0,0 % tal-PDG fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati biex jikkumbattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni huma stmati għal 0,1 % tal-PDG fl-2022 u 0,0 % tal-PDG fl-2023¹¹. Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fi trasferimenti soċjali lil unitajiet domestiċi bi dħul aktar baxx. Dawk il-miżuri tħabbru bħala temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jitkomplew. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispiża biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni hija pproġettata li tkun 0,2 % tal-PDG fl-2022 u fl-2023¹².
- (15) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 id-Danimarka żżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lid-Danimarka biex, meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politika fiskali mmirata biex tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti ta' perjodu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju u, fl-istess ħin, li ssaħħaħ l-investment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir.

¹¹ Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri meħuda mill-ħarifa tal-2021, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹² Huwa maħsub li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni ser jilħaq gradwalment is-6 miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċevanti, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jitqiesu kemm it-trasferimenti ta' flus kontanti li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

(16) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tad-Danimarka, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata li tkun ta' appoġġ fil-livell ta' -1,6 % tal-PDG kif irrakkomandat mill-Kunsill¹³. Id-Danimarka qed tippjana li ttiprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investment addizzjonali kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tibqa' stabbli meta mqabbla mal-2021. L-investment iffinanzjat flivell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni newtrali ta' 0,0 punti perċentwali tal-PDG fl-2022¹⁴. Għalhekk, id-Danimarka tippjana li tippreserva l-investment iffinanzjat nazzjonalment, kif rakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata min-nazzjon (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1,6 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,1 % tal-PDG) kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,2 % tal-PDG). Infiq akbar ieħor jinkludi b'mod partikolari l-konsum tal-gvern relatat mal-politika tad-difiża u s-sigurtà kif ukoll infiq addizzjonali li għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika u jtemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati.

¹³ Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fuq perjodu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁴ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li ttiprovdi kontribuzzjoni newtrali ta' 0,0 punti perċentwali tal-PDG.

- (17) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa tal-2022 tal-Kummissjoni li tkun fil-livell ta' +1,6 % tal-PDG fuq suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika¹⁵. Id-Danimarka hija pproġettata li tkompli tuża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni pproġettata li tonqos b'0,1 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mal-2022, li jirrifletti l-appoġġ finanzjarju antiċipat mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2021 u fl-2022. L-investment iffinanzjat f'livell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,4 punti perċentwali meta mqabbla mal-2022¹⁶. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata min-nazzjon (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 1,4 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,1 % tal-PDG) u spejjeż addizzjonali biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG). Fatturi oħra jinkludu tnaqqis fin-nefqa tal-gvern fuq il-konsum tal-enerġija.
- (18) Fil-programm ta' Konverġenza tal-2022, is-surplus tal-gvern estiż huwa mistenni li jistabbilizza gradwalment għal 0,6 % tal-PDG fl-2024 u li jinżel għal 0,4 % tal-PDG sal-2025. Skont il-Programm ta-Konverġenza tal-2022, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied għal 34,0 % tal-PDG fl-2024 u 33,9 % tal-PDG fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, jidher li hemm riskju baxx fuq perjodu medju ta' żmien fejn tidħol is-sostenibbiltà tad-dejn.

¹⁵ Sinjal pożittiv tal-indikatur jikkorrispondi għal nuqqas tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fuq perjodu medju, li jindika politika fiskali restrittiva.

¹⁶ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,4 punti perċentwali tal-PDG.

- (19) Fid-Danimarka t-taxxi rikorrenti fuq il-proprjeta bħalissa huma limitati, u għalhekk ma jiżdidux bil-prezzijiet tas-suq. B'hekk ma jkunux jistgħu jtaffu c-ċikli tal-prezzijiet tad-djar u jinvolvu effetti ta' distribuzzjoni negattivi. Sistema ġdida tat-taxxa fuq il-proprjeta diġà ġiet approvata mill-Parlament fl-2017 iżda għadha mhijiex fis-seħħ. Żieda qawwija fil-prezzijiet tad-djar u ħinijiet twal ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali rriżultaw f'nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli fiż-żoni urbani ewlenin. Barra minn hekk, is-sehem ta' self ipotekarju bi proporzjon ta' dejn għal introjtu ogħla minn erbgħa u proporzjon bejn is-self u l-valur ogħla minn 60 % zdieg b'mod sostanzjali fiż-żona ta' Copenhagen u b'hekk dawn il-mutwatarji potenzjalment vulnerabbli għal żidiet fir-rati tal-imgħax jew kwalunkwe tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet tad-djar. Il-Kunsill Daniż dwar ir-Riskju Sistemiku ħareġ rakkomandazzjonijiet biex jitnaqqsu r-riskji għal tali self ipotekarju, iżda r-rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati.
- (20) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lid-Danimarka mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq investimenti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari l-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, it-trasport sostenibbli, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Il-miżuri ta' riċerka għandhom il-potenzjal li jwessgħu l-bażi tal-innovazzjoni u jinvolvu aktar kumpaniji fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni. Xi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, bħal "l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet", u miżuri li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa u jiżguraw is-superviżjoni u l-infurzar effettivi tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus, ġew indirizzati barra mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-miżuri relatati ma' dawn l-oqsma ma ġewx inkorporati fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

(21) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tad-Danimarka hija mistennija li tikkontribwixxi biex isir aktar progress fejn jidħlu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi fid-Danimarka jammontaw għal 59 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal 25 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti, ser tgħin lid-Danimarka tirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, u ser tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha. L-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (22) Il-Kummissjoni approvat il-Ftehim ta' Sħubija tad-Danimarka, previst fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, fil-25 ta' Mejju 2022. Id-Danimarka ppreżentat l-ewwel programmi tal-politika ta' koeżjoni fil-11 ta' April 2022. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, id-Danimarka għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawk il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investment biex tiġi appoġġata t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.
- (23) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, id-Danimarka qed tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, it-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari biex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u tagħmel is-suq tal-akkomodazzjoni u l-unitajiet domestiċi b'dejn aktar reżiljenti.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

- (24) Filwaqt li l-pjan Daniż għall-irkupru u r-reżiljenza jalloka 59 % tal-fondi għal inizjattivi ekoloġiċi, id-Danimarka għandha prestazzjoni baxxa f'xi oqsma tal-ekonomija ċirkolari. Ir-rati Daniżi tal-użu ta' materjal ċirkolari huma ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Il-pajjiż bħalissa jipproduċi l-ogħla ammont ta' skart muniċipali per capita fl-Unjoni bi 845 kg/capita/fis-sena. Filwaqt li id-Danimarka hija ftit ogħla mill-medja tal-Unjoni għall-iskart muniċipali miġbur għar-riċiklaġġ (53,9 % fl-2020 meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni ta' 47,8 %), tinċinera 45,2 % tal-iskart muniċipali tagħha, qrib id-doppju tal-medja tal-Unjoni. Ħafna mill-iskart fid-Danimarka jiġi inċinerat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, u b'hekk jintilfu l-opportunitajiet biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Strateġija ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari u programmi u pjanijiet nazzjonali relatati għall-iskart u l-ekonomija ċirkolari jenħteġ li jiġu implimentati fil-ħin. It-telf f'termini ta' ġenerazzjoni tal-enerġija aktar baxxa minħabba inċinerazzjoni tal-iskart imnaqqsa jista' jiġi kkumpensat b'metodi li jirrispettaw aktar l-ambjent, inkluż titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' pompi tas-sħana elettriċi.
- (25) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni, stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi adatti fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jmexxu l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili 'l bogħod mir-Russja.

(26) Id-Danimarka hija impenjata li tikseb mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 70 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 sal-2030 u eliminazzjoni gradwali tal-faħam sal-2028. Biex jintlaħqu dawn il-miri ambizzjużi, il-Pjan Nazzjonali Daniż għall-Enerġija u l-Klima jipprevedi investiment sostanzjali f'kapaċità addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika. L-aċċellerazzjoni tal-użu tas-sorsi rinnovabbli u tal-idroġenu rinnovabbli tista' titrawwem billi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi jiġu ssimplifikati u aċċellerati. Filwaqt li d-Danimarka hija impenjata li żżid il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli mir-riħ lil hinn mill-kosta, huma meħtieġa aktar investimenti fin-netwerks tat-trażmissjoni tal-enerġija biex jiġi żgurat li s-sehem dejjem jikber tal-enerġija rinnovabbli jkun jista' jintuża b'mod effiċjenti. L-investiment fl-interkonnnessjoni tal-enerġija u tal-elettriku, inklużi assi ibridi offshore, ma' pajjiżi ġirien iżid b'mod konsiderevoli s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-adattabilità għall-varjazzjonijiet reġjonali, anke fil-kuntest tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Id-dipendenza enerġetika dinjija tad-Danimarka fuq l-importazzjonijiet Russi tal-fjuwils fossili hija ta' 21,1 % (24,4 % għall-medja tal-Unjoni), filwaqt li jitqiesu d-dipendenzi sekondarji li jittraċċaw lura l-importazzjonijiet mill-ġdid kollha bl-użu ta' suppożizzjonijiet rispettivi. Fl-2020, id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili mir-Russja fit-taħlita enerġetika globali tad-Danimarka kienet aktar baxxa mill-medja tal-Unjoni għaż-żejt (12 % meta mqabbla ma' 36,5 % għall-medja tal-Unjoni).

Filwaqt li kien ogħla għall-faħam (97 % meta mqabbel ma' 19,3 % għall-medja tal-Unjoni), is-sehem tal-faħam fit-taħlita tal-enerġija tad-Danimarka huwa baxx (4,3 %). Il-gass naturali jammonta għal 12,8 % tat-taħlita tal-enerġija tiegħu, u filwaqt li d-Danimarka ma timportax gass Russu direttament għall-użu domestiku, id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet tal-gass Ġermaniżi timplika dipendenza sekondarja sinifikanti, ogħla mill-medja tal-Unjoni: 65 % tal-konsum domestiku tal-gass huwa importat mir-Russja, meta mqabbel ma' 41,1 % għall-medja tal-Unjoni. Filwaqt li, skont id-data tal-2020¹⁸, id-dipendenza tad-Danimarka fuq l-importazzjonijiet Russi taż-żejt u tal-gass għadha sinifikanti, iżda din id-dipendenza hija pproġettata li tiġi eliminata mill-2023 meta r-rinnovazzjoni ta' żona eżistenti tal-Baħar tat-Tramuntana ser tiġi ffinalizzata, u d-Danimarka hija mistennija li terġa' tkun esportatur tal-gass nett. It-tħaffif tal-proġetti ta' interkonnessjoni li għaddejjin bħalissa jista' wkoll irawwem id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija. Huwa rrakkomandat li investimenti ġodda fl-infrastruttura u fin-networks relatati mal-gass ikunu validi għall-futur meta possibbli, sabiex tiġi ffaċilitata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz ta' adattament futur għal fjuwils sostenibbli. L-ambizzjonijiet tad-Danimarka għall-effiċjenza enerġetika jistgħu jingħataw spinta ulterjuri permezz ta' investment addizzjonali korrispondenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, tas-servizzi, tad-djar privati u tat-trasport. Sabiex id-Danimarka tkun konformi mal-oġettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa żieda ulterjuri fl-ambizzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żieda fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

¹⁸ Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi fuq l-importazzjonijiet totali ta' gass naturali, żejt mhux raffinat u faħam iebes. Għall-medja tal-UE-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet barra l-UE-27. Għad-Danimarka, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerè intra-UE. Iż-żejt grezz ma jinkludix prodotti taż-żejt raffinat. Id-Danimarka għandha dipendenza indiretta fuq l-importazzjonijiet Russi permezz tal-kummerè intra-UE. Il-kontabilità tad-dipendenza sekondarja fuq il-gass Russu permezz ta' importazzjonijiet intra-UE twassal għall-istima li d-Danimarka għandha dipendenza Russa fuq l-importazzjoni tal-gass ta' 65 %.

- (27) Filwaqt li l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż ta' ristrutturar sinifikanti f'diversi setturi, id-Danimarka tista' tagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fir-reġjuni l-aktar milquta. Barra minn hekk, id-Danimarka tista' tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
- (28) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2022 u l-opinjoni tiegħu²⁰ hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka tiegħu azzjoni fl-2022 u fl-2023 biex:

1. Fl-2023, jiġi żgurat li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment ikun konformi ma' pożizzjoni politika ġeneralment newtrali, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat li jibqa' jingħata lill-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. Tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju. Timplimenta s-sistema l-ġdida tat-taxxa fuq il-proprjetà sabiex tiġi restawrata r-rabta bejn il-prezzijiet tas-suq u t-taxxi u tiġi żgurata tassazzjoni aktar ġusta. Tistimula l-investment fil-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni affordabbli biex jittaffew l-aktar ħtiġijiet urġenti. Iżżid ir-reżiljenza finanzjarja ta' mutwatarji b'dejn għoli.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

²⁰ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Tiffinalizza malajr in-negozjati mal-Kummissjoni dwar il-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 u tipproċedi bl-implimentazzjoni tagħhom.
3. Isaħħaħ il-politiki tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġestjoni tal-iskart inkluż billi tippromwovu l-prevenzjoni u l-użu mill-ġdid tal-iskart, iżżid r-riċiklaġġ, u gradwalment taqleb mill-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali għal sorsi aktar ekoloġiċi tal-ġenerazzjoni tas-sħana.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili. Tkompli tiddiversifika l-provvista tal-enerġija u tgħin fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż billi tintroduċi riformi biex tissimplifika u tħaffef il-proċeduri amministrattivi u tal-ġhoti ta' permessi, ittejjeb in-networks tat-trażmissjoni tal-enerġija, iżżid l-interkonnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
